

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali

006/2293(INI)

5.6.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

dwar l-Istrateġija Tematika għall-Ħarsien tal-Ħamrija
(2006/2293(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Neil Parish *

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jitlob lill-Kumitat għal-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni tiegħu għal riżoluzzjoni:

1. Jinnota li l-ħamrija hija riżors komuni li, f'ħafna postijiet, ma jistax jiġġedded; jenfasizza li filwaqt li l-ilma, l-arja u l-bijodiversità jgawdu minn leġiżlazzjoni speċifika Komunitarja, il-ħamrija, li hija fattur kruċjali fil-produzzjoni għaż-żmien twil u sostenibbli ta' l-ikel, ta' l-għalf, tal-fibri u, iktar u iktar spiss, tal-bijomassa, ma tgawdix minn leġiżlazzjoni ta' dan it-tip;
2. Jirrimarka li l-attivitajiet tal-bniedem jaffettwaw il-funzjonijiet u l-użu tal-ħamrija b'diversi modi u li strateġija Komunitarja għalhekk għandha tgħin biex tħares dawk l-artijiet fejn tista' tiġi pprattika l-biedja li l-aktar jinsabu mhedda, pereżempju b'konnessjoni ma' tibdil fl-użu ta' l-art, żoni industrijali kontaminati, l-impermeabilità (sealing) u l-erożjoni tal-ħamrija.
3. Huwa mħasseb dwar il-konsegwenzi tad-degradazzjoni tal-ħamrija, kemm naturali u kemm bħala riżultat ta' l-interventi umani; jenfasizza l-ħtieġa ta' strateġija Ewropea biex tidentifika u tirrimedja l-problemi marbuta mad-degradazzjoni tal-ħamrija;
4. Jirrimarka li l-biedja u l-industrija tal-foresta għandhom irwol kruċjali fiż-żamma tal-kwalità tal-ħamrija u sabiex jagħtuha l-ħajja mill-ġdid, u li huwa fl-interess tas-sidien ta' l-art li l-kwalità tal-ħamrija tinżamm; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li tiġi evitata l-impermeabilità permanenti tal-ħamrija li għandha valur ekoloġiku jew produttiv għoli, u li l-ħamrija ma titħallix tinkesa b'uċuh artifiċjali minħabba żvilupp urban u infrastrutturi oħra, b'mod speċjali dawk li jinsabu f'żoni bħall-pjanuri tax-xmajjar, art fertili tal-biedja u żoni kostali; jitlob lill-awtoritajiet pubbliċi mil-livell lokali sal-livell Komunitarju sabiex jagħtu attenzjoni partikulari lil dawn ta' l-aħħar, li jinsabu taħt pressjoni qawwija minħabba l-attivitajiet tal-bniedem;
5. Jinnota li d-degradazzjoni tal-ħamrija għandha kawżi u konsegwenzi lokali u reġjonali, u li l-effetti transkonfinali iżolati jispjegaw ruħhom permezz tal-fatturi ġeomorfoloġiċi reġjonali u li, għalhekk, jirrikjeddu miżuri intergovernattivi aktar milli Ewropej;
6. Jirrimarka, f'dan ir-rigward, li 14-il Stat Membru huma affettwati mid-deżertifikazzjoni u li, anke jekk mhumiex fil-fatt affettwati, it-13 l-oħra huma suġġetti għal pressjonijiet reġjonali jew lokali bħal ma huma l-erożjoni u t-tmelliħ;
7. Jinnota li d-degradazzjoni tal-ħamrija mhix kawża ewlenija tal-bidla fil-klima - kif issostni l-Kummissjoni biex tiġġustifika l-adozzjoni ta' strument ta' qafas - imma hija aktar il-konsegwenza prinċipali ta' dan il-proċess jirrimarka li l-ħamrija hija differenti mill-arja u mill-ilma, li huma riżorsi mobbli u li mhumiex marbuta ma' l-idea ta' pussess;
8. Jilqa', għalhekk, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija tematika għall-ħarsien tal-ħamrija, li ssegwi l-komunikazzjoni tagħha ta' l-2002 dwar dan is-suġġett (COM(2002)0179), u l-proposta favur l-adozzjoni ta' direttiva ta' qafas dwar il-ħarsien

tal-ħamrija;

9. Jemmen bis-sħiħ li d-diversità enormi ta' tipi ta' ħamrija (320, b'għadd kbir ta' sottotipi) toħloq l-ħtieġa li, minbarra strateġiji nazzjonali minn isfel għal fuq, ikun hemm strateġija Ewropea bbażata fuq il-prevenzjoni, l-għarfien pubbliku, l-informazzjoni u l-identifikazzjoni taż-żoni ta' riskju, sabiex din il-problema tiġi ffaċċjata fuq livell Ewropew; jitlob lill-Istati Membri li m'għandhomx leġiżlazzjoni speċifika fil-qasam tal-ħarsien tal-ħamrija biex jiffaċċjaw ir-responsabilità tagħhom f'dan il-qasam, filwaqt li jqisu wkoll ir-responsabilitajiet tas-sidien; iqis, b'mod partikulari, li l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandu jkollhom irwol ewlieni fit-tfassil ta' l-għanijiet u tal-pjanijiet għall-ħarsien tal-ħamrija;
10. Jitlob li l-istrateġiji nazzjonali li diġà ġew ippruvati ma jiġux iddubitati;
11. Jirrimarka li mhux probabbli li l-istrateġija proposta, li fiha se jiġu definiti l-oġettivi u l-mekkaniżmi ta' sanzjoni fuq livell nazzjonali, twassal biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Kummissjoni, jiġifieri li jitnaqqas it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni, billi l-għarfien tal-problemi tal-ħarsien tal-ħamrija jvarja minn pajjiż għal ieħor.
12. Jikkritika l-insuffiċjenza totali ta' informazzjoni dwar l-implikazzjonijiet ta' l-ispejjeż finanzjarji tal-proposta għal direttiva, u jiddispjaċih min-nuqqas ta' informazzjoni fir-rigward ta' l-iffinanzjar nazzjonali u Ewropew tal-miżuri ta' ħarsien proposti;
13. Jiddubita mill-istimi, min-naħa tal-Kummissjoni, ta' l-ispejjeż ta' l-impatt tad-degradazzjoni tal-ħamrija li ma jqisux, fost affarjiet oħra, l-impatt pożittiv tal-leġiżlazzjoni, diretta u indiretta, li tinsab fis-seħħ fil-qasam tal-ħarsien tal-ħamrija u tal-kontributi pożittivi tal-biedja u ta' l-industrija tal-foresti fuq l-istabilizzazzjoni tal-ħamrija;
14. Jappoġġja l-fehma tal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet tal-ħamrija għandhom jittejbu f'bosta reġjuni Ewropej, iżda jemmen li l-Kummissjoni għandha tagħmel sforzi akbar biex tiggarantixxi konsistenza mal-leġiżlazzjoni attwali;
15. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jevita d-duplikar, il-kontradizzjonijiet u l-inkonsistenzi rigward ir-regoli eżistenti ta' l-UE;
16. Iqis li l-proposta għal direttiva ta' qafas ta' l-UE se ttiprovdi inċentiv biex ittejjeb miżuri eżistenti u pendenti marbuta mal-ħamrija, billi tpoġġihom f'qafas koerenti bbażat fuq regoli Ewropej li jindirizzaw il-problema tad-degradazzjoni tal-ħamrija fl-Ewropa, filwaqt li jirrispettaw id-diversità tas-sitwazzjonijiet u ta' l-għażliet nazzjonali;
17. Jitlob lill-Kummissjoni biex ttiprovdi l-inizjattiva u biex tiżviluppa skemi sabiex tinkoraġġixxi t-trasferiment ta' għarfien marbut ma' l-aħjar Prattika taħt il-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tal-ħamrija;
18. Jenfasizza li, b'konformità mal-prinċipji ta' leġiżlazzjoni aħjar, direttiva ta' qafas ta' l-UE hija ġġustifikata bis-sħiħ billi l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti ta' l-UE, li l-ewwel għandha tiġi supplimentata, u ta' l-għażliet voluntarji bbażati fuq it-trasferiment ta' l-għarfien għandhom jikxfu n-nuqqasijiet fil-ħarsien tal-ħamrija;

19. Jitlob li regoli ġodda Ewropej, jekk ikunu għadhom ikkunsidrati neċessarji, jitqiesu biss fuq il-bażi ta' miżuri bħal dawn, u li f'dak il-każ jiġu stipulati standards li jorbtu rigward it-titjib; jenfasizza li r-riżultati li diġà nkisbu fuq il-livell nazzjoni fil-qasam tal-ħarsien tal-ħamrija għandhom jitqiesu f'din il-konnessjoni;
20. Huwa tal-fehma li t-tiżni ta' l-istrateġija tematika huwa meħtieġ għall-Istati Membri kollha u li d-dinamika tat-twettiq ta' din l-istrateġija tiżdied b'mod kunsiderevoli jekk jiżdiedu miżuri ta' għajjnuna finanzjarja fil-qafas tar-riżorsi tal-bilnaċ disponibbli favur ir-reġjuni ta' koeżjoni;
21. Jipproponi li jsiru evalwazzjoni u analiżi fil-fond tad-direttivi li diġà ġew introdotti fl-Unjoni Ewropea, bħad-Direttiva dwar l-Ilma ta' taħt l-art u d-Direttiva dwar in-Nitrati, u li jiġi evalwat u analizzat sa liema punt l-Istati Membri qed jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' konformità reċiproka applikabbli għall-bdiewa; iqis li, fuq il-bażi ta' din l-analiżi, jistgħu jitfasslu miżuri li jorbtu legalment, jekk dan ikun meħtieġ, sabiex jipromwovu l-kwalità tal-ħamrija; jinnota li se jkun possibbli wkoll, fuq il-bażi ta' din l-analiżi, li jsir skambju ta' informazzjoni fi ħdan l-UE sabiex tiġi promossa l-kwalità tal-ħamrija.

PROĊEDURA

Titolu	Strateġija Tematika għall-Ħarsien tal-Ħamrija		
Numru tal-proċedura	2006/2293		
Kumitat responsabbli	ENVI		
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 14.12.2006		
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	-		
Rapporteur ta' opinjoni Data tal-ħatra	Neil Parish 21.11.2006		
Rapporteur ta' opinjoni preċedenti	Markus Pieper		
Eżami fil-kumitat	23.1.2007	7.5.2007	5.6.2007
Data ta' l-adozzjoni	5.6.2007		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	18 15 -	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Vincenzo Aita, Peter Baco, Thijs Berman, Niels Busk, Luis Manuel Capoulas Santos, Giuseppe Castiglione, Albert Deß, Gintaras Didžiokas, Carmen Fraga Estévez, Ioannis Gklavakis, Lutz Goepel, Bogdan Golik, Friedrich-Wilhelm Graefe zu Baringdorf, Esther Herranz García, Heinz Kindermann, Véronique Mathieu, Mairead McGuinness, Rosa Miguélez Ramos, Neil Parish, Radu Podgorean, María Isabel Salinas García, Agnes Schierhuber, Willem Schuth, Czesław Adam Siekierski, Csaba Sándor Tabajdi, Marc Tarabella, Donato Tommaso Veraldi, Andrzej Tomasz Zapałowski		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	José Manuel García-Margallo y Marfil, Béla Glattfelder, Milan Horáček, Jan Mulder, Markus Pieper		
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Daniel Caspary, Christian Ehler		
Kummenti	*Ir-rapporteur għal opinjoni rriżenja mill-kariga wara l-vot fl-kumitat. Għalhekk iċ-Chairman tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali jagħmilha ta' rapporteur għal opinjoni.		